MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 545/2003

**Cesarin Borg**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores LLD nominat b'digriet tat-18 ta' Novembru tas-sena 2003 u b'digriet datat 27 ta' Jannar tas-sena 2004 giet nominata Brigitte Pace biex tassumi l-atti f'isem Hugh Pace u b'digriet datat 27 ta' Jannar tas-sena 2004 giet revokata n-nomina tal-kuratur deputat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta nomine quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur is-somma ta’ elf, tmien mija u erbatax –il Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM1,814.33,0), rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta’ xoghlijiet maghmula mill-attur u fornituri ta’ materjal mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut;

2. Bl-imghax legali mill-14 ta’ Marzu tas-sena 2003 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Gunju tas-sena 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-11 ta’ Dicembru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut nomine hemm indikat, ecepixxa s-segwenti;

1. Illi huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza;

2. Illi hekk kif l-attur jghaddi t-taghrif kollu dwar il-kaz – l-aktar xi indirizz ta’ Hugh Pace, nieqes minn Malta – li ghalih qed jidher l-eccippjent – l-istess eccippjent ikun jista’ jaqbad mieghu u jaqdi dmiru kif imiss;

3. Illi jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ohra aktar ‘il quddiem;

Rat ir-rikors u n-nota mieghu annessa ta’ Brigitte Pace datat is-26 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu assumiet l-atti ta’ din il-kawza f’isem huha Hugh Pace u tlabet li tkun awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijiet u kontro-talba;

Rat il-verbal tas-27 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu irrevokat in-nomine tal-kuratur deputat u ssostitwietu bl-imsemmija Brigitte Pace, u dan, a bazi tal-prokura a fol 18;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-30 ta’ Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi Hugh Pace qatt ma cahad li hemm bilanc dovut minnu lill-attur ghax-xoghlijiet li saru mill-

attur izda dawn ma sarux skond l-arti u s-sengha u Hugh Pace kellu jqabbad lil nies ohra sabiex ix-xoghol li kellu jsir mill-attur isir sew u sahansitra jissewwew il-hsarat li saru mill-attur meta kien qed jahdem fil-proprjeta' tal-konvenut. Hemm tiswijiet ohra li ghadhom iridu jsiru;

2. Illi minhabba s-suespost, it-talbiet attrici huma esagerati;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll is-segwenti ghall-finijiet tal-kontro-talba tal-konvenuta nomine:

Premess li l-attur ghamel xi xoghlijiet god-dar ta' Hugh Pace go Santa Maria Estate, izda liema xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha izda anzi, gew ikkawzati wkoll danni fl-istess proprjeta';

Premess li Hugh Pace kellu jqabbad lill-haddiem sabiex ix-xoghol isir sew u d-danni jigu riparati u hemm xoghlijiet ohra li ghadhom iridu jsiru;

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li x-xoghlijiet maghmulin mill-attur jew nies imqabbda minnu ma kienux skond l-arti u s-sengha u li inoltre saru hsarat fil-fond ta' Hugh Pace oltre li naqqsu xi affarijiet;

2. Tillikwida d-danni sofferti minn Hugh Pace liema danni ma jeccedux l-elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

3. Tordna lill-attur ihallas lil Hugh Pace is-somma likwidata;

4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro talba tal-konvenut datata s-6 t'Awissu tas-sena 2004 li permezz taghha l-attur eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghlijiet maghmula mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut saru skond l-arti u s-sengha;

2. Illi l-attur ma kkaguna l-ebda hsara fil-fond ta' Hugh Pace u ghalhekk ma hu responsabbli ghall-ebda danni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi bhala kuntrattur l-attur kien gie inkarigat min Hugh Pace biex jeffettwa xi xoghlijiet edilizji fil-villa tieghu bin-numru 5, Santa Marija estate, il-Mellieha;

2. Illi peress li x-xoghlijiet kienu jinvolvu il-qlugh u t-tqeghid ta' madum, l-attur inkariga sub appaltaturi biex ix-xoghol isir f'anqas zmien;

3. Illi wara li l-imsemmi Hugh Pace kien ezamina l-istima preventivament ippreparata mill-attur, accetta u ta struzzjonijiet biex ix-xoghlijiet jinbdew;

4. Illi wara li l-attur beda jezegwixxi x-xoghlijiet pattwiti, l-imsemmi Pace beda jzid ix-xoghlijiet;

5. Illi matul l-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol, l-imsemmi Pace kien ihallas ammonti lill-attur bhala akkont tax-xoghlijiet li kien qieghed jezegwixxi;

6. Illi pero’ l-ammont mitlub mill-attur ghadu ma giex saldat ghalkemm l-istess Pace fuq indikat kien assigura lill-attur li kien ser ihallsu fi zmien qasir, (ara fol 32);

7. Illi nonostante din l-assikurazzjoni anke skritta, l-imsemmi Pace baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-attur kien kostrett jipprocedi b’din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti mill-imsemmija rapprezentanti tal-konvenut jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi in effetti l-imsemmi Pace jammetti li ghad ghandu jhallas lill-attur il-bilanc ghal xoghlijiet li saru mill-istess attur fuq struzzjonijiet ta’ l-istess Pace;

2. Illi pero’ qed jivvanta dritt li l-ammont kif miftiehem mhux dovut ghaliex allegatament ix-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti;

3. Illi ghalhekk kien kostrett jeffettwa xoghlijiet rimedjali u jhallas ghalihom separatament;

4. Illi ghalhekk hass li kellu jipprezenta l-kontro-talba tieghu fuq indikata;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti, ghalkemm xhieda ipprezentata mill-attur issostni li x-xoghol kien skond is-sengha u l-arti u jekk kien hemm, kienu nuqqasijiet zghar li ma jimmeritawx approfondiment, (ara fol 32);

Illi pero` skond l-imsemmi Pace, dan ix-xoghol hazin kien jirrigwarda z-zebgha tal-madum ta’ madwar l-“pool” ta’ dan Pace u effettivament isostni li anke intlahaq ftehim biex il-kulur jinbidel a sodisfazzjon ta’ Pace;

Illi kien hemm bzonn li tinxtara hamrija mill-gdid; jinbidlu xi katusi u jergghu jinzabghu il-lampi ta’ barra ghaliex kienu

ttebbghu minhabba xoghol skadenti ta’ l-attur li komplessivament qamu lil dan Pace l-ammont ta’ disa’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tletin centezmu, (LM927.30,0), biex jirrispristinhom;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-imsemmi Pace jaghti rendikont dettaljat ta’ l-ammont minnu allegat, pero’ jonqos li jipprezenta d-dokumentazzjoni relattiva in sosten ta’ tali ammonti;

Illi ghalhekk, din il-qorti ma tistax tistrieh fuq allegazzjonijiet mhux sostenuti skond il-ligi;

Illi finalment, stante li kien l-istess hugh Pace li kien kiteb lill-attur fit-22 ta’ Mejju tas-sena 2003, meta x-xoghlijiet kienu gia’ terminati li “*you will be receiving the monies in due course*”, ma jistax issa jibni kastell biex jevita din l-obbligazzjoni tieghu u allura jevita li jhallas ghax-xoghlijiet u benefikati li sarulu;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta nomine u t-talbiet taghha kontenuti fil-kontro-talba, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta Brigitte Pace nomine biex thallas lill-attur Cesarin Borg l-ammont ta’ elf, tmien mija u erbatax –il Lira Maltin u tlieta u tletin centezamu, (LM1,814.33,0), ekwivalenti ghal erbat elef, mitejn u sitta u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€4,226.25,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------